## NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1 - IT-TLIETA 7 TA' LULJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Maria F. Deguara | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm attendenza tajba ta' pubbliku. | |

### 1. INTRODUZZJONI MILL-KUNSILLIER L-AKTAR ANZJAN

1.1. Minħabba li Dott. Maria F. Deguara hija l-Kunsillier l-aktar anzjana, fetħet il-laqgħa b'introduzzjoni qasira fejn, filwaqt li ferħet lill-Kunsillieri eletti, irringrazzjat lill-Kunsillieri preċedenti għas-servizz tagħhom.

1.2. Dott. Deguara għaddiet mill-ewwel il-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel indirizz qasir filwaqt li jipproċedi bil-proċedura li kien imiss.

1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fi ftit kliem ir-rwol tal-Kunsillieri, tas-Sindku, tas-Segretarju Eżekuttiv u l-amministrazzjoni kif ukoll semma' xi punti importanti mill-proċeduri tal-laqgħat tal-Kunsill bil-ħsieb li jinħela l-inqas ħin possibbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

### 2. ĦATRA TA' SINDKU U VIĊI SINDKU

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, skont artiklu 25 tal-Att tal-Kunsilli Lokali, Dott. Maria Fatima Deguara kellha dritt li toqgħod fil-kariga ta' Sindku filwaqt li Pierre Sciberras joqgħod fil-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa għalhekk staqsihom jekk jaċċettawx il-kariga u wieġbu fil-pożittiv.

2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv imbagħad talabhom jiffirmaw l-ittra tal-aċċettazzjoni.

2.3. Eżatt wara ingħata l-ġurament lil Dott. Deguara u lil Pierre Sciberras għall-karigi ta' Sindku u Viċi Sindku rispettivament fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Franco Depasquale.

2.4. Eżatt wara s-Sindku għamlet l-ewwel diskors tagħha bħala Sindku tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Naxxar fejn appellat biex il-Kunsill kollu jaħdem f'tim wieħed magħqud għall-ġid tal-lokalità irrispettivament mit-twemmin politiku tal-individwi.

## 3. IL-ĠRANET U L-ĦINIJIET TAL-LAQGĦAT

3.1. Is-Sindku proponiet li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru bħal-leġislatura preċedenti, ċoè it-Tlieta fis-7:30pm.

3.2. Il-Kunsilliera Miceli proponiet li ssir fis-7pm. Madanakollu, peress li għall-kumplament kien tajjeb fis-7:30pm, apparti Mario Brincat li, kieku kellu jagħżel kien jippreferi fis-7pm, u David Bonello li, kieku kien possibli, kien jippreferi aktar tard mis-7:30pm, il-Kunsill qabel li jżomm il-ħin tas-7:30pm. Madanakollu kien hemm qbil li kellu jsir kull tentattiv biex il-laqgħat ma jtawlux iżżejjed.

## 4. TMIEM IL-LAQGĦA

4.1. Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 21 ta' Lulju, is-Sindku ddikjarat l-ewwel laqgħa magħluqa fit-8:05pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |